# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR. SILVIO MELI**
**LL.D.; Dip.Stud.Rel.; Dip.Can.Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert.Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha 7 ta' Novembru tas-sena 2001.**

**Numru   16**

**Avviz  numru   863/99/SM**

**Gasan Insurance Agency Limited bhala rappresentantrici tas-socjeta' assikuratrici estera General Accident Fire & Life Assurance Corporation p.l.c. kif surrogata bil-ligi u bil-polza fid-drittijiet tal-assikurat taghha Louis Attard.**

**vs**

**Simon Soler u Paul Vella**

**Il-Qorti,**

**Rat l-avviz fuq indikat datat il-11 ta' Gunju ta' l-1999 li permezz tieghu sejhet lill-konvenutl quddiem din il-qorti sabiex jghidu ghaliex m'ghandhomx ikunu ikkundannati:**

1. **Wara li jkunu ddikjarati jew min minnhom unikament responabbli ghad-danni kollha sofferti mis-socjeta' attrici assikurattrici bhala konsegwenza tal-incident tat-traffiku li gara fil-5 ta' Dicembru 1998 f'San Gwann, waqt li l-konvenut Paul Vella kien qed isuq il-vettura Nru. LAR 459 u l-konvenut l-iehor Simon Soler kien qed isuq il-vettura numru SOL 001, b'mod negligenti, imprudenti u kontra r-Regolamenti tat-Traffiku, bir-rizultat li kkagunaw l-incident mall-vettura numru DAA 761 proprjeta' ta' assikurat tal-attur, Louis Attard, u ikkagunaw hsara f'din il-vettura;**

2. **Tillikwida d-danni sofferti mis-socjeta' attrici fl-ammont ta' sitt mija u tnejn u disghin Lira Maltin u disa' u sittin centezmu, (LM692.69,0) jew somma ohra verjuri, okkorendo bl-opra ta' periti nominandi;**

3. **Ikkundannati jew min minnhom jhallsu lis-socjeta' attrici dik is-somma li tigi hekk likwidata flimkien mal-imghaxijiet legali mid-data tan-notifika ta' dan l-Avviz;**

4. **Bl-ispejjez komprisi dawk ta' ittra ufficjali tal-24 ta' Frar 1999, tal-konsult (L15.00,0) u ta' ittra ufficjali ohra ppresentat kontestwalment ma' dan l-avviz kontra l-assikurazzjoni tal-konvenut u kontra l-istess konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni;**

**Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut Simon Soler datata t-12 ta' Lulju ta' l-1999 li permezz taghha eccepixxa s-segwenti:**

1. **Illi t-talba tas-socjeta' attrici noe kif dedotta kontra l-eccipjent ghandha tkun respinta bl-ispejjes kontriha stante li l-eccipjent ma kellu ebda htija fl-incident awtomobilistiku in kwistjoni;**

2. **Salvi eccezzjonijiet ohra permessi mill-ligi;**

**Rat in-nota ta' l-eccezzjonjiet tal-konvenut Paul Vella datata t-3 ta' Novembru ta' l-1999 li permezz taghha eccepixxa s-segwenti:**

1. **Illi t-talba tas-socjeta' attrici noe kif dedotta kontra tieghu ghandha tigi respinta bl-ispejjes kontriha stess stante li l-eccipjent ma kienx responsabbli ghall-incident awtomobilistiku mertu tal-proceduri odjerni;**

2. **Illi huwa sofra danni bhala rizultat tal-incident awtomobilistiku in kwistjoni u ghalhekk abbazi tal-artikolu 396 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta qieghed jipprevalixxi ruhhu mill-fakolta moghtija mill-Ligi u jipprezenta kontro-talba;**

3. **Salvi eccezzjonijiet ohra permessi mill-ligi;**

**Rat il-kontro-talba tal-konvenut Paul Vella wkoll datata t-3 ta' Novembru ta' l-1999 li permezz taghha talab is-segwenti:**

1. **Peress illi fil-5 ta' Dicembru 1998 huwa kien involut f'incident awtomobilistiku gewwa San Gwann;**

2. **Peress illi dan l-incident sehh konsegwenza ta' sewqan eccessiv u traskurat tal-konvenut Sinom Soler li kien qed isuq il-vettura SOL 001;**

3. **Peress illi rizultat ta' dan l-incident huwa sofra hsarat fil-karozza tieghu Mini Minor LSR 459, li ghal kull buon fini jiddikjara li kien ghadu kemm jixtriha u fil-gurnata tal-incident kienet ghadha fuq isem is-sid precedenti, Mary Mifsud biss l-assikurazzjoni kienet diga meqluba fuq isem l-eccipjent rikonvenzjonant;**

4. **Peress illi hu interpella diversi drabi lill-konvenut Simon Soler sabiex jaddevjeni ghall-likwidazzjoni tal-hsara kkagunata, biss dan baqa inadempjenti;**

5. **Ghalhekk l-konvenut rikonvenzjonant umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:**

**a. Tiddikjara li l-konvenut Simon Soler kien unikament responsabbli ghal hsara kagunata fuq il-vettura LAR 459 fl-ammont ta' LM230.00,0;**

**b. Tikkundanna lill-istess konvenut Simon Soler jhallas l-ammont hekk dikjarat bhala dovuta;**

**6. Bl-ispejjes komprizi dawk l-ittri ufficjali datata 22/02/99 u ta' ittra ufficjali ohra prezentata kontestwalment kontra s-socjeta' assikuratrici tal-istess konvenut Simon Soler, liema konvenut gie ngunt ghas-subizzjoni;**

**Rat ukoll dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess Paul Vella fejn afferma s-segwenti:**

**1. Li fil-5 ta' Dicembru 1998, waqt li kien qieghed isuq il-vettura tieghu mini minor bin-numru ta' registrazzjoni LSR 459, huwa kien involut f'incident stradali mal-vettura bin-numru ta' registrazzjoni SOL 001 misjuqa mill-konvenut Simon Soler;**

**2. Li dan l-incident stradali sehh unikament kagun tas-sewqan eccessiv u traskurat u tan-nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenut Simon Soler;**

**3. Li kagun ta' l-imsemmi incident stradali, li ghalih kien unikament responsabbli l-konvenut Simon Soler, huwa sofra hsarat konsiderevoli fil-vettura tieghu bin-numru ta' registrazzjoni LSR 459;**

**4. Li huwa kien ghadu kemm xtara l-karozza tieghu, li ghalkemm kienet ghadha registrata fuq is-sid precedenti meta sehh l-incident mertu tal-kawza, kellha l-assikurazzjoni taghha meqluba fuq ismu;**

**5. Li huwa interpella lill-konvenut Soler diversi drabi sabiex jaddivjeni ghall-likwidazzjoni tad-**

**danni li huwa sofra, izda dan baqa' inadempjenti;**

6. **Li ghalhekk huwa qieghed jinterponi l-prezenti kontra-talba';**

**Innotat li l-ebda wiehed mill-partijiet l-ohra ma pprezenta nota ta' l-eccezzjonijiet ghat-talba rikonvenzjonali tal-konvenut Paul Vella u ghalhekk baqghu fi stat ta' kontumacja f'dan ir-rigward;**

**Semghet ix-xhieda prodotta;**

**Rat id-dokumenti esebiti;**

**Semghet it-trattazzjoni orali tar-rapprezentanti legali tal-partijiet;**

**Ikkonsidrat:**

**Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:**

1. **Illi l-incident de quo sehh ghall-habta ta' l-10.15 a.m. tal-5 ta' Dicembru ta' l-1998 f'Naxxar Road, San Gwann, fejn fih kienu nvoluti l-vetturi ndikati fl-avviz odjern;**

2. **Illi l-vettura tal-marka Fiat Uno bin-numru ta' registrazzjoni DAA-761 misjuqa minn Louis Attard kienet qed tipprocedi fil-karreggjata taghha kif jidher fl-iskizz meta Landrover bin-numru SOL-001 misjuqa mill-konvenut Simon Soler baqa' diehel gol-vettura misjuqa minn Attard li fil-hin tal-impatt kien wieqaf;**

3. **Illi kif jidher anke mill-iskizz ipprezentat fl-atti ta' din il-procedura tiffigura wkoll vettura tal-marka Mini Minor bin-numru ta' registrazzjoni LAR-459 misjuqa mill-konvenut Paul Vella li gie milqut mill-imsemmi Landrover minn wara fuq ix-xellug;**

**4. Illi rizultat ta' dan l-incident il-hsara sofferta mis-socjeta' attrici li ghamlet tajjeb ghad-danni sofferti mill-assigurat taghha Louis Attard jammontaw komplessivament ghal sitt mija tnejn u disghin Lira Maltin u disa' u sittin centezmu, (Lm692.69,0), liema danni huma ampjament dokumentati skond il-ligi;**

**5. Illi l-hsarat sofferti mill-konvenut Paul Vella b'rizultat ta' l-incident awtomobilistiku odjern jammontaw ghall-mitejn u tletin Lira Maltin (LM230.00,0), (ara fol 47);**

**6. Illi l-hsarat sofferti kif fuq indikati ghadhom ma gewx saldati;**

**Ikkonsidrat:**

**Illi l-qorti hi sodisfatta li l-incident de quo kien unikament ikkagunat mis-sewqan skonsiderat tal-konvenut Simon Soler li ghalkemm gej minn wara u allura b'vizwali ideali, l-velocita' li kien qed isuq biha ma ippermettitlux jevita l-kollizjoni de quo;**

**Ghaldaqstant, in vista tal-premess, din il-qorti hi sodisfatta li l-konvenut Simon Soler hu unikament responsabbli ghall-incident de quo u konsegwentement:**

**1. Tiddikjara responsabbli ghall-incident awtomobilistiku in dizamina lill-konvenut Simon Soler;**

**2. Tillikwida d-danni minnhu kkagunati lis-socjeta' attrici nomine fl-ammont ta' sitt mija u tnejn u disghin Lira Maltin u disa' u sittin centezmu, (Lm692.69,0), u dawk ukoll minnhu kkagunati lill-konvenut Paul Vella ghall-finijiet tal-kontro-talba minnhu stess intavolata fl-ammont ta' mitejn u tletin Lira Maltin, (Lm230.00,0);**

**3. Tikkundanna lill-konvenut Simon Soler ihallas l-ammonti ta' danni hekk likwidati lis-socjeta' attrici nomine u lill-konvenut l-**

**iehor Paul Vella kif fuq indikat, bl-ispejjez u imghaxijiet skond il-ligi.**

**John Farrugia**
**Deputat Registratur**